MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 118/2008

Numru fil-lista: 45

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fis-16 ta' Jannar tas-sena Bfejn u tnejn (16/01/2002), hekk kif jirrizulta mill-estratt ta' l-Att taz-Zwieg hawn anness u markat bhala Dok. KY 1;

Illi D B C gie deportat minn Malta mill-awtoritajiet kompetenti;

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kBlhom erbat itfal E, F, G u H ahwa B C kollha minorenni;

Illi l-intimat renda il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibli, stante illi l-istess intimat huwa hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, swat, theddid u ingurji gravi da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment b' tort unikament ta' l-istess intimat;

Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat

Illi kontestwalment r-rikorrenti qeda tipprezenta rikors sabiex jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti D B C;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B C u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat kif fuq spjegat u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament minn ma' l-intimat;

Tordna illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri ahwa B C ghandha tkun fdata lir-rikorrenti u tiddikjara li l-intimat, ddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u/jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;

Tapplika kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, nkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mir-rikorrenti;

Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontedenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-intimat ope sentenium. Filwaqt illi tinnomina nutar sabiex jircievi l-att rBattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw illi ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli unikament lill-istess konvenut;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici, cittadina Maltija, kienet iltaqghet mal-konvenut, cittadin Libjan, meta kien ghad kBlha 14-il sena u l-konvenut kBlu circa 20 sena. Wara li l-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq akkuzi ta' korruzzjoni ta' minorenni ta' tifla ohra taht l-eta', huwa hareg mill-habs wara tlett xhur u l-partijiet "iddecidejna li naghmlu t-tfal"[1] Konsegwenzjalment l-attrici harget tqila bl-ewwB tarbija, bl-isem E; u sussegwentement harget tqila bit-tieni tarbija bl-isem Jasim fiz-zmien meta huwa kien qed jistenna l-

[1] Affidavit Fols.30 u 31

appBl li kien ghamB mis-sentenza ta’ hames snin habs li kien wehB.

Illi meta l-konvenut kien ghadu l-habs huma ddecidew li jizzewwgu u fil-fatt kienu zzewwgu fis-16 ta’ Jannar 2002 hekk kif l-attrici ghalqet 18-il sena. Sussegwentement twiBdu z-zewgt-it tfal l-ohra, bl-isem G u H.

Illi l-attrici tghid li “madwar tlett xhur wara z-zwieg, jien indunajt li D kien qieghed juzani sabiex ikun jista’ joqghod hawn Malta, u mhux veru kien ihobbni….D qatt ma kien ta’ missier ghal uliedu. Sallum il-gurnata lanqas biss icempB it-tfal.” Tghid li cirka erba’ snin ilu huwa kien skonta s-sentenza u kien gie deportat minn Malta. “Minn dak iz-zmien qatt ma kBli kuntatt mieghu.”

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi mill-provi jirrizulta car li l-konvenut izzewweg lill-attrici bl-iskop uniku li jinqeda biha, bil-ghan li jkompli jkollu tfal minnha b’ tentattiv sabiex ma jigix diportat minn Malta wara li kien nstab hati ta’ korruzzjoni ta’ tfal ohra taht l-eta’. In fatti, meta eventwalment gie deportat u ra li l-iskop tieghu ma lahqux huwa abbanduna ghal kollox lil martu u lil uliedu, u halliha tfendi ghar rasha b’ erbat-it tfal. Di fatti minn dakinhar ma kkomunikax aktar maghha.

Illi l-Qorti tirravviza f’ dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu l-attrici s-sevizzi fit-termini ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap. precitat, bazat principalment fuq in-nuqqas ta’ affezzjoni da parti fil-konfront ta’ martu, tant li gie jaqa’ u jqum minnha u halliha tara kif ser tkampa f’ erbat-it tfal zghar. Dan il-komportament tieghu ghandu jattira d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 tal-Kap precitat.

Dan premess u kkunsidrat it-talba ghas-separazzjoni personali, kif maghmula, hija gustifikata u timmerita li tigi miluqgha.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemm dubju li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghhom tigi fdata lill-attrici ommhom li ilha tiehu hsiebhom dan iz-zmien kollu.

**Komunjoni ta’ l-akkwisti**

Illi l-attrici tghid li matul iz-zwieg il-partijiet ma akkumulawx proprjeta’ u ghalhekk ma kienx hemm assi tal-komunjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwB talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut assenti;

[2] tilqa’ t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja esklussiva tat-tfal minuri, E, Jasim, G u H lill-attrici; bir-rizerva ta’ dritt ta’ access favur il-missier, li l-modalita’ tieghu tigi stabbilit minn din il-Qorti fuq applikazzjoni appozita;

[3] tilqa’ t-tiBet talba u tapplika fl-intir tieghu l-Artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut assenti;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba limitatament billi tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba, stante li ma jirrizultawx assi tal-komunjoni.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk rBattivi ghal-kuraturi deputati ghandhom jigu mhallsa provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------